MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2010

Numru. 582/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**
**KONTRA**

**JOHN SPITERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

John Spiteri ta' 66 sena, bin Bertu u Lonza Camilleri, mwieled nhar is- 6 ta' Marzu 1994 gewwa l- Gharghur, residenti 153, Maison, Triq Ponsomby, Mosta u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 358144(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli :

1) nhar it- 8 ta’ Gunju 2010 ghall- habta ta’ 11.45am gewwa l- Mosta, minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ haddiehor f’ periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi, fuq il- persuna ta’ Carmel Bonnici mill- Mosta skond kif iccertifikaw Dr. Kenneth Muscat MD u Dr. Denise Formosa MD mill- Isptar Mater Dei u dan ai terminu tal- Artikoli 214 u 216 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2) u talli wkoll fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji jew hedded bil- fomm lil Karmenu Bonnici u dan ai termini tal- artikolu 339 e tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

3) ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostnazi kiser volontarjament il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku u dan ai termini tal- Artikolu 338 dd tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta glieda bejn zewg persuni li, minn kif giet infurmata l-Qorti, ilhom ghal xulxin ghal bosta snin. Peress illi t-tnejn gew imressqa quddiem din l-istess Qorti llum, u peress illi t-tnejn ammettew l-akkuzi kontra taghhom u t-tnejn ghandhom eta' avvanzata, il-Qorti sejra torbothom b' sentenza ta' prigunerija sospiza u b' garanzija taghhom infushom ai termini tal-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216, 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Torbot lill-imputat b'garanzija tieghu nnifsu ai termini tal-Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 ghal sena favur Carmelo Bonnici taht penali ta' elfejn ewro (€2,000).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------